# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.32

## REGOLAMENTI DWAR IL-KRITERJI TAL-GĦAŻLA TA’ SERVIZZI TAT-TELEVIŻJONI B’OĠĠETTIVI TA’ INTERESS ĠENERALI

21ta’ Ġunju, 2011

*AVVIŻ LEGALI 240 tal-2011.*

**1.** It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Kriterji ta’ Għażla ta’ Servizzi tat-Televiżjoni b’Oġġettivi ta’ Interess Ġenerali.

Titolu.

**2.** Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-kriterji li l-Awtorità tax-Xandir għandha taddotta fl-għażla ta’ servizzi televiżivi li jwettqu oġġettivi ta’ interess ġenerali, sew dawk is-servizzi li huma ġeneralisti sew dawk li huma *niche*.

Skop.

**3.** (1) Servizz televiżiv li jingħata l-istatus ta’ servizz ġeneralist b’oġġettiv ta’ interess ġenerali mill-Awtorità tax-Xandir għandu jxandar minimu ta’ programmar ta’ sittax-il siegħa kuljum bla interruzzjoni biex ikopri skeda ta’ xandir bejn is-7:00 a.m. u l-11:00 p.m.

Kriterji mandatorji għall-servizzi ġeneralisti televiżivi b’oġġettivi ta’ interess ġenerali.

(2) Stazzjon televiżiv ta’ dan it-tip għandu joffri firxa wiesgħa ta’ programmi ta’ kwalità meħuda minn ġeneri differenti. Ħamsa u tletin fil-mija tax-xandir fl-iskeda għandu jittieħed minn mill-anqas ħames ġeneri ta’ programme liema ġeneri mniżżla fl-Iskeda A.

(3) Servizz ġeneralist televiżiv b’oġġettiv ta’ interess ġenerali jista’ jxandar biss sa massimu ta’ tliet siegħat kull jum ta’ twieqi ta’ telexiri fil-ħin fl-iskeda ta’ xandir mandatorju kif imsemmi fis-subregolament (1).

(4) Servizz ġeneralist televiżiv b’oġġettiv ta’ interess ġenerali għandu jxandar mill-inqas bulletin wieħed tal-aħbarijiet fil-ħin fl-iskeda tax-xandir mandatorju imsemmi fis-subregolament (1).

(5) Servizz ġeneralist televiżiv b’oġġettiv ta’ interess ġenerali għandu jxandar mill-inqas 30 minuta ta’ programmar fil-ġimgħa li jkun aċċessibbli għall-persuni li għandhom diżabilità ta’ smiegħ.

(6) Servizz ġeneralist televiżiv b’oġġettiv ta’ interess ġenerali għandu jxandar mill-inqas programm wieħed ta’ ġrajjiet kurrenti fil-ġimgħa fl-iskeda bejn Ottubru u Ġunju ta’ kull sena.

(7) It-tul tal-programmi ripetuti kull sena m’għandux ikun aktar minn ħamsa u tletin fil-mija tal-ħin ta’ xandir mandatorju fl-iskeda. Din il-ħtieġa m’għandhiex tapplika għal ħin allokat għal ripetizzjoni ta’ dokumentarji, drama, produzzjonijiet ċinematografici, programmi edukattivi u kulturali.

**4.** (1) Is-servizzi *niche* televiżivi b’oġġettiv ta’ interess ġenerali jistgħu jkunu ta’ xorta varjata ħafna u għalhekk l-Awtorità tax-Xandir hija mistennija li tkun flessibbli fl-applikazzjoni ta’ dawn ir-regolamenti u għandha tkun lesta li tadattahom biex

Kriterji mandatorji għall-servizzi *niche* televiżivi b’oġġettiv ta’ interess ġenerali.

tindirizza talbiet partikolari li jkunu se jtejbu l-firxa ta' għażla lill-konsumaturi.

(2) Dan it-tip ta' servizz għandu jxandar programmar għal tul ta' minimu ta' għaxar siegħat kuljum bla interruzzjoni li jista' jkun mifrux fi skeda bejn is-7 a.m. u l-10 p.m.

(3) Dan it-tip ta' servizz għandu predominantement ixandar programmi minn għadd limitat ta' ġeneri li huma ikkunsidrati bħala programmi li jitqiesu bħala programmi li jwettqu l-obbligazzjoni ta' servizz pubbliku sew dik tal-qalba sew dik estiża liema ġeneri imniżżla fl-Iskeda A. Sittin fil-mija tax-xandir (kemm jekk ikunu programmi li qed jixxandru għall-ewwel darba kif ukoll jekk ikunu ripetizzjoni ta' programmi) fil-ħin tax-xandir mandatorju fl-iskeda għandhom ikunu ta' dawn it-tip ta' programmi.

(4) Servizz *niche* televiżiv b'oġġettiv ta' interess ġenerali jista' jxandar biss sa massimu ta' sagħtejn kull jum ta' twieqi ta' telexiri fil-ħin fl-iskeda ta' xandir mandatorju imsemmi fis-subregolament (1).

(5) It-tul ta' ripetizzjoni kull sena ta' programmi normalment m'għandux ikun aktar minn ħamsa u erbgħin fil-mija tal-ħin totali fl-iskeda ta' xandir mandatorju. Din il-ħtiega m'għandhiex madanakollu tapplika għal ħin meħud minn xandir ta' programmi li diġa' kienu mxandra fuq xi servizz televiżiv ieħor jew għal ħin meħud mir-ripetizzjoni ta' dokumentarji, drama, produzzjonijiet ċinematografici, u programmi edukattivi u kulturali.

**Skeda A**

Lista ta' Ġeneri ta' Programmi

[Regolamenti (3) and 4(3)]

(i) It-trasmissjoni ta' avvenimenti ta' karattru nazzjonali kif stabbilit minn żmien għal żmien mill-Gvern;

(ii) Avviżi tas-servizz pubbliku li jkunu mxandra bla ħlas;

(iii) It-trasmissjoni one-off ta' dibattiti Parlamentari;

(iv) Programmi ta' ġrajjiet kurrenti;

(v) Programmi ta' diskussjoni li jittrattaw suġġetti, fost l-oħrajn, soċjali, kulturali, edukattivi, ambjentali, ekonomiċi, industrijali jew ta' natura politika;

(vi) Programmi reliġjużi u t-trasmissjoni tal-quddiesa nhar ta' Ħadd u xi jiem ta' Obbligu;

(vii) Programmi li jkollhom it-tfal bħala udjenza prinċipali tagħhom;

(viii) Programmi ta' drama bil-Malti bi preferenza tingħata lil drammi oriġinali bil-Malti;

(ix) Programmi li huma kulturali fin-natura iżda speċjalment dawk li jtejbu l-ilsien Malti, l-arti u kultura; kif ukoll programmi ta' mużika klassika;

(x) Programmi li huma ffukati fuq Għawdex u b'mod partikolari li jenfasizzaw lis-soċjetà Għawdxija, il-kultura u l-istil tal-ħajja;

(xi) Programmi li jiffukaw fuq il-komunitajiet Maltin barra minn Malta;

(xii) Programmi ġenerali ta' informazzjoni;

(xiii) Programmi edukattivi fin-natura tagħhom;

(xiv) Bullettini tal-aħbarijiet;

(xv) Programmi ta' sports lokali.